# Il-Qorti



# X’inhi l-Qorti ?

- Bil-kelma “il-Qorti” nistgħu nifhmu żewġ affarijiet:
- Jew il-bini kollu tal-Qorti jew Qorti partikolari bħalma huma:

Il-Qorti Kostituzzjonali
Il-Qorti ta’ l-Appell
Il-Qorti Ċivili
Il-Qorti Kriminali

# X’isir fil-Qrati?

**Il-Qrati huma l-post fejn tiġi amministrata l-Ġustizzja.**

**Fil-fatt il-Qrati jissejħu wkoll “Qrati tal-Ġustizzja”**



# X’inhi l-Ġustizzja?

- “Il-Ġustizzja” tfisser li tagħmel ħaqq ma’ dak li jkun.
- Eżempju: Tnejn min-nies ma jistgħux jaqblu dwar il-ħlas għal xi xogħol li jkun sar – wieħed jgħid li x-xogħol jiswa elf Ewro u l-ieħor jgħid li jiswa biss ħames mitt Ewro. Jekk jibqgħu ma jaqblux imorru l-Qorti u tkun il-Qorti li tiddeċiedi min għandu raġun u kemm wieħed għandu jħallas lill-ieħor.

- Jew xi ħadd ikun seraq, jinqabad u jitressaq il-qorti biex isir ħaqq minnu – **jista' jintbagħat il-ħabs, jew jeħel multa jew jingħata xi forma ta' kastig ieħor.**





- **Jew jinqabad bid-droga – il-pieni għal min jinqabad bid-droga huma ħarxa ħafna – jista’ jeħel anke għomru l-ħabs.**

# Il-Liġi

- Proposta mill-Eżekuttiv
- Approvata mill-Parlament
- Applikata / interpretata / dikjarata li ma tiswiex mill-Qrati

# Eżempji ta' Liġijiet (1)

- **Liġi kostituzzjonali** (tirregola l-istruttura ta' l-Istat u tipprovdi għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali)
- **Liġi Ċivili** (dwar proprjeta', wirt, kuntratti eċċ)
- **Liġi kummerċjali** (dwar insurance, trasport ta' merkanzija, negozji)
- **Liġi tal-familja** (annullamenti ta' żwieġ, kura u kustodja ta' tfal, separazzjonijiet)
- **Liġi penali** (dwar reati li huma maqsuma f'delitti u kontravenzjonijiet)
- **Liġi pubblika** (permezz ta' *judicial review* persuna tista' tassigura li l-Gvern ma' jabbużax mis-setgħat tiegħu bi ħsara tagħha)

# Eżempji ta' Liġijiet (2)

- **Liġi fiskali (liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul, liġi tal-V.A.T., liġi tad-dwana)**



- **Liġi ambjentali (ħarsien ta' l-ambjent, kaċċa, permessi għall-bini u żvilupp ieħor)**



# Eżempji ta' Liġijiet (3)

**Dawn il-liġijiet kollha, u ħafna oħrajn, jiġu mħaddma mill-Qrati tal-ġustizzja kull darba li jkun hemm nuqqas ta' qbil dwarhom bejn mill-anqas żewġ persuni – jew meta persuna tkun ġiet akkużata li kkommettiet reat.**

Biex kawża tibda fil-qorti jrid ikun hemm xi ħadd li jressaq l-ilment tiegħu kontra xi ħadd ieħor – jew il-Pulizija tressaq lil xi ħadd akkużat b'reat.

Il-Qrati ma jistgħux minn rajhom "jibdew" kawża.

# Lingwaġġ tal-Qorti

**Eżempji:**

| | |
|---|---|
| • **Attur u konvenut** | ***Plaintiff and defendant*** |
| • **Rikorrent u intimat** | ***Applicant and respondent*** |
| • **Prosekutur u akkużat / imputat** | ***Prosecutor and accused / person charged*** |
| • **Ċitazzjoni (taħrika) u nota ta' eċċezzjonijiet** | ***Writ of summons and note of pleas*** |
| • **Rikors** | ***Application*** |
| • **Spejjeż ġudizzjarji** | ***Judicial fees*** |
| • **Ittra uffiċċjali** | ***Judicial letter*** |
| • **Mandat kawtelatorju** | ***Precautionary warrant*** |
| • **Sentenza / ġudikat** | ***Judgment*** |
| • **Priġunerija / detenzjoni** | ***Imprisonment / detention*** |
| • **Multa / ammenda** | ***Fine 'multa' / fine 'ammenda'*** |

# Min jiddeċidi fil-Qorti?





# Min huma l-Imħallfin u l-Maġistrati?

- Ikunu studjaw il-liġi fl-Università ta' Malta
- Ikunu ħadmu bħala avukati għal seba' snin (fil-każ tal-Maġistrati) jew tnax-il sena (fil-każ tal-Imħallfin).
- Jinħatru mill-President ta' Malta fuq il-parir tal-Prim Ministru
- Jibqgħu jservu sa ma jagħlqu l-65 sena

# Min aktar jaħdem il-Qorti?

- **Avukati**
- **Prokuraturi Legali**
- **Marixxalli**
- **Purtiera (ushers)**
- **Reġistraturi**
  **u Deputati Reġistraturi**
- **Skrivani**
- **u ħafna ħaddiema oħra**

- Fil-Qrati tal-Maġistrati jaħdmu wkoll Pulizija (kuntistabblijiet, surġenti, spetturi u supretendenti)

# Qrati differenti

- **Qorti Kostituzzjonali**
- **Qorti tal-Appell**
- **Qorti tal-Appell Kriminali**
- **Qorti Kriminali**
- **Qorti Ċivili: din tinqasam fi tlieta**
  **(1) Sezzjoni ġurisdizzjoni ġenerali**
  **(2) Sezzjoni tal-Familja u**
  **(3) Sezzjoni ġurisdizzjoni Volontarja**
- **Qorti tal-Maġistrati**

# Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem

Eżempji ta' Drittijiet Fondamentali:

- Id-dritt għall-ħajja
- Id-dritt tal-libertà fiżika u ta' l-espressjoni
- Id-dritt li ma tiġix ittorturat jew trattat b'mod inuman jew degradanti
- Id-dritt tal-libertà tal-kuxjenza u tal-qima
- Id-dritt li tissieħeb f'għaqdiet u assoċjazzjonijiet
- Id-dritt li ma tiġix iddiskriminat

Kostituzzjoni ta' Malta

Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali

# Għaliex “Fondamentali”?

Dawn id-drittijiet jissejħu fondamentali għax huma marbuta b’xi mod jew ieħor mad-dinjità tal-bniedem.

Ma tistax tirrispetta d-dinjità tal-bniedem jekk ma tirrispettax ukoll dawn id-drittijiet fondamentali tiegħu.

# Eżempju: id-dritt li persuna ma tiġix diskriminata minħabba t-twemmin reliġjuż tagħha jew ir-razza tagħha

**I am a Jew. Hath not a Jew eyes? Hath not a Jew hands, organs, dimensions, senses, affections, passions? Fed with the same food, hurt with the same weapons, subject to the same diseases, healed by the same means, warmed and cooled by the same winter and summer, as a Christian is? If you prick us, do we not bleed? If you tickle us, do we not laugh? If you poison us, do we not die? And if you wrong us, shall we not revenge? If we are like you in the rest, we will resemble you in that. If a Jew wrong a Christian, what is his humility? Revenge. If a Christian wrong a Jew, what should his sufferance be by Christian example? Why, revenge. The villany you teach me, I will execute, and it shall go hard but I will better the instruction. (***Merchant of Venice – Act III, Scene 1***)**



# Ir-rispett tad-dritt għall-ħajja





Mill-konċepiment sax-xjuħija u l-mewt meta jrid Alla

# Qorti Kriminali

- Imħallef + 9 ġurati (jissejħu "ġurati" għax jieħdu "ġurament" li jwettqu dmirhom sew)
- L-Imħallef jiggwida lill-ġurati dwar il-liġi, iżda huma l-ġurati u mhux l-Imħallef li jiddeċiedu jekk l-akkużat hux ħati tar-reat li bih ikun ġie akkużat
- Reati li jġorru magħhom piena ta' priġunerija ta' aktar minn għaxar snin Eż. omiċidju volontarju, serq kwalifikat, traffikar ta' droga.
- Persuna li tkun ġiet akkużata b'reat li għandu piena ta' aktar minn sitt xhur priġunerija jista' jagħżel li jmur quddiem il-Qorti Kriminali flok jiġi proċessat mill-Qorti tal-Maġistrati.

# Qorti tal-Maġistrati

- Tiddeċiedi kemm kawżi Ċivili żgħar kif ukoll kawżi kriminali fejn il-piena ma taqbiżx l-għaxar snin priġunerija
- Fl-2008 il-Qorti tal-Maġistrati qatgħet:
  - 306 kawża Ċivili
  - 14,351 kawża kriminali

# IL-ĠUDIKATURA

Prim Imħallef

Imħallfin

Maġistrati



# Kif jissejħu l-Imħallfin u l-Maġistrati flimkien?

## Il-Ġudikatura

***Nolite iudicare secumdum faciem sed iustum iudicium iudicate***

**Tiddeċidux skond dak li jidher iżda għamlu ħaqq fis-sewwa**

**Ġwanni 7:24**